

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awissu 2021 – Tinnus Enterprises vs EUIPO – Mystic Products Import & Export (Tagħmir għad-distribuzzjoni ta' fluwidi)**(Kawża T-505/21)**

(2021/C 401/20)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet*Rikorrent:* Tinnus Enterprises LLC (Plano, Texas, l-Istati Uniti) (rappreżentant: T. Wuttke, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Mystic Products Import & Export, SL (Badalona, Spanja)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali*Disinn kontenzjuż ikkonċernat:* id-disinn tal-Unjoni Nru 1 431 829-0010*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Ġunju 2021 fil-Każ R 1003/2018-3**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tibdel id-deċiżjoni kkontestata b'mod illi:
 - tilqa' l-appell tar-rikorrenti,
 - tiċħad fl-intier tagħha l-applikazzjoni ICD 10 296 tal-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità intiża li tiddikjara l-invalidità tad-disinn ikkontestat,
 - tikkundanna lill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell u d-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni;
 - tikkundanna lill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità għall-ispejjeż subiti mir-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2021, Lego vs EUIPO – Delta Sport Handelskontor (Blokki tal-bini minn sett ta' bini tal-ġugarelli) (T-515/19, mhux ippubblikata, EU:T:2021:155);
 - Ksur tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, DOCERAM (C-395/16, EU:C:2018:172);
 - Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002;
 - Interpretazzjoni żbaljata tal-applikazzjoni għal privattiva EP 3 005 948 A2 tal-applikazzjoni tad-disinn Komunitarju multiplu Nru^o1 431 829-0001-0010 tar-rikorrenti.
-